

Brussell, 25 ta' Novembru 2015
(OR. en)

14445/15

SPORT 67
DOPAGE 10
SAN 395
JAI 909

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 24 ta' Novembru 2015

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13103/15 SPORT 40 DOPAGE 7 SAN 337 JAI 764

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li janalizzaw ir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA
- Konklużjonijiet tal-Kunsill (24 ta' Novembru 2015)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li janalizzaw ir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA, adottati mill-Kunsill fit-3428 laqgħa tiegħu li saret fl-24 ta' Novembru 2015.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet
tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill,
li janalizzaw ir-Riżoluzzjoni tal-2011 dwar ir-rappreżentazzjoni
tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni
tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri
tagħha
qabel il-laqgħat tal-WADA**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri

FILWAQT LI JFAKKRU

Fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar ir-rappreżentazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fil-Bord ta' Fondazzjoni tal-WADA u l-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-UE u tal-Istati Membri tagħha qabel il-laqgħat tal-WADA u b'mod partikolari fil-fatt li sal-31 ta' Diċembru 2015, l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni għandha tiġi analizzata¹.

FILWAQT LI JINNOTAW

Id-diskussjonijiet li saru waqt il-Laqgħa Informali tal-Ministri għall-Isport li saret fil-Lussemburgu fis-6-7 ta' Lulju 2015, fejn sar skambju ta' fehmiet dwar l-applikazzjoni tar-riżoluzzjoni.

¹ ĠU C 372, 20.12.2011, p. 7.

JAQBLU LI

Is-sistema ta' rappreżentazzjoni u l-arranġamenti ta' koordinazzjoni kif stipulati fir-Riżoluzzjoni tal-2011 għandhom jibqgħu fis-seħħ.

JIRRIKONOXXU LI L-ELEMENTI LI ĠEJJIN GĦANDHOM JISSAĦĦU:

- involviment aktar regolari min-naħa tal-Presidenza tal-Kunsill fil-Kunsill tal-Ewropa (inkluż il-CAHAMA) u fil-laqgħat tal-WADA;
- kontributi aktar sistematiċi mill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-abbozz ta' mandat tal-UE dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza tal-UE;
- li tiżdied il-kompetenza esperta xjentifika fost l-Istati Membri u l-Presidenza tal-Kunsill, pereżempju bl-użu tan-netwerk informali eżistenti ta' esperti;
- li jsir titjib fil-laqgħat ta' koordinazzjoni ad hoc u fil-post kif ukoll fit-tħejjijiet għal-"laqgħat tal-awtoritajiet pubbliċi".

JAQBLU LI

Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, għandhom jerġgħu janalizzaw għal darb'oħra l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ulterjuri tar-Riżoluzzjoni tal-2011 u jqisu jekk ikunux meħtieġa aġġustamenti għall-arranġamenti stabbiliti minn din ir-Riżoluzzjoni.